SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

6 ta' Lulju 2023*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2011/95/UE – Regoli dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja – Artikolu 14(4)(b) – Revoka tal-istatus ta' refuġjat – Ċittadin ta' pajjiż terz ikkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju – Theddida għas-soċjetà – Test tal-proporzjonalità"

Fil-Kawża C-8/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Jannar 2022, fil-proċedura

**XXX**

vs

**Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, P. G. Xuereb, T. von Danwitz u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: M. Krausenböck, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Novembru 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal XXX, minn J. Hardy, avocat,

– għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs, C. Pochet, A. Van Baelen u M. Van Regemorter, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż minn K. Bulterman u C. S. Schillemans, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Azema u L. Grønfeldt, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2023,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn XXX, ċittadin ta’ pajjiż terz, u l-Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (il-Kummissarju Ġenerali għar-Refuġjati u għall-Persuni Mingħajr Stat, il-Belġju, iktar ’il quddiem il-“Kummissarju Ġenerali”) dwar id-deċiżjoni adottata minn dan tal-aħħar li jirtiralu l-istatus ta’ refuġjat.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt internazzjonali*

3 Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f’Genève fit-28 ta’ Lulju 1951 (*Ġabra ta’ Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954), daħlet fis-seħħ fit-22 ta’ April 1954. Din ġiet ikkompletata u emendata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta’ Jannar 1967 (iktar ’il quddiem il-“Konvenzjoni ta’ Genève”).

4 It-Taqsima F tal-Artikolu 1 ta’ din il-konvenzjoni huwa fformulat kif ġej:

“Id-dispożizzjonijiet ta’ din il-konvenzjoni ma humiex applikabbli għall-persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġuni serja li jiġi ssuspettat li:

[...]

b) ikunu wettqu reat serju mhux politiku barra l-pajjiż ospitanti qabel ma ġew aċċettati bħala refuġjati;

[...]”

5 L-Artikolu 33(2) tal-imsemmija konvenzjoni jipprevedi:

“Madankollu din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata minn refuġjat li għal raġunijiet serji jitqies bħala perikolu għas-sigurtà tal-pajjiż fejn huwa jkun preżenti jew li, minħabba li kien suġġett għal kundanna definittiva għal reat jew delitt partikolarment serju, jikkostitwixxi perikolu għall-komunità ta’ dak il-pajjiż.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

***Id-dritt tal-Unjoni***

*Id-Direttiva 2004/38/CE*

6 L-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46), jipprovdi:

"Il-miżuri meħuda minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika għandhom ikunu skond il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat. Kundanni kriminali preċedenti m'għandhomx minnhom infushom jikkostitwixxu raġuni biex jittieħdu dawn il-miżuri.

Il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tolqot wieħed mill-interessi fondamentali tas-soċjetà. Ġustifikazzjonijiet li huma iżolati mill-partikolaritajiet tal-każ jew li jiddependu fuq konsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali m'għandhomx jiġu aċċettati."

*Id-Direttiva 2011/95*

7 Il-premessa 12 tad-Direttiva 2011/95 hija fformulata kif ġej:

"L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa, minn naħa waħda, li jiżgura li l-Istati Membri japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, min-naħa l-oħra, biex jiżgura li livell minimu ta' benefiċċju huwa disponibbli għal dawk il-persuni fl-Istati Membri kollha."

8 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tippreskrivi standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għal refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija."

9 L-Artikolu 2(d) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

d) 'refuġjat' ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikat li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew minħabba dan il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'dan il-biża', ma tixtieqx tirritorna lejha, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha".

10 L-Artikolu 12(2)(b) u (d) tal-istess direttiva jistabbilixxi:

"Persuna li tkun ċittadina nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun refuġjat meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:

[...]

b) hija kkommettiet delitt serju mhux politiku barra mill-pajjiż tar-refuġju qabel id-dħul tagħha bħala refuġjat; jiġifieri qabel il-mument tal-ħruġ ta' permess ta' residenza fuq il-bażi tal-għoti ta' stat ta' refuġjat [...]"

11 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jagħtu stat ta' refuġjat lil ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, li jikkwalifika bħala refuġjat bi qbil mal-Kapitoli II u III."

12 L-Artikolu 14(4) u (6) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"4. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus mogħti lil refuġjat minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, meta:

a) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;

b) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikostitwixxi periklu għall-komunità ta' dak l-Istat Membru.

[...]

6. Persuni li għalihom japplikaw il-paragrafi 4 jew 5 huma intitolati għal drittijiet dikjarati jew simili għal dawk dikjarati fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra safejn huma preżenti fl-Istat Membru."

13 L-Artikolu 17(1)(b) u (d) tal-imsemmija direttiva jipprovdi li:

"Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet serji li jitqiesu li:

[...]

b) hija tkun ikkommettiet delitt serju;

[...]

d) hija tikkostitwixxi periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti."

14 L-Artikolu 21(2)(b) tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Fejn mhux projbit mill-obbligi internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw (refoule) refuġjat, sewwa jekk rikonoxxut formalment u sewwa jekk le, meta:

[...]

b) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikostitwixxi periklu għall-komunità ta' dak l-Istat Membru."

15 L-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/95

"Minkejja paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw, inaqqsu jew jirtiraw il-benefiċċji msemmija fihom għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku."

16 L-Artikolu 24 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Kemm jista' jkun malajr wara li jkun ingħata protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji tal-istatus ta' refuġjat permess ta' residenza li jrid ikun validu għal mill-inqas tliet snin u jiġġedded, sakemm raġunijiet obbligatorji ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku jeħtieġu mod ieħor, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(3)."

[...]

2. Kemm jista' jkun malajr wara li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja u lill-membri tal-familja tagħhom permess ta' residenza li jista' jiġġedded irid ikun validu għal mill-inqas sena u, f'każ ta' tiġdied, għal mill-inqas sentejn, sakemm raġunijiet obbligatorji ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor."

17 L-Artikolu 25 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji ta' status ta' refuġjat dokumenti ta' vjaġġar, fil-forma stabbilita fl-Iskeda mehmuża mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, għall-iskop ta' vjaġġar barra mit-territorju tagħhom sakemm raġunijiet obbligatorji ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku jeħtieġu mod ieħor.

2. L-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali, dokumenti li jippermettulhom li jivvjaġġaw barra mit-territorju tagħhom, minbarra jekk raġunijiet obbligatorji ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubblika jeħtieġu mod ieħor."

*Id-Direttiva 2013/32/UE*

18 L-Artikolu 45(1) u (3) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60), jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtorità kompetenti tkun qiegħda tikkunsidra li tirtira l-protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida [...], il-persuna konċernata għandha tgawdi mill-garanziji li ġejjin:

[...]

b) li tingħata l-opportunità sabiex tippreżenta, f'intervista personali [...] raġunijiet għaliex ma għandhiex tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali tagħha.

[...]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-protezzjoni internazzjonali tingħata bil-miktub. Ir-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt għandhom jiġu dikjarati fid-deċiżjoni u l-informazzjoni dwar kif tiġi kontestata d-deċiżjoni għandha tingħata bil-miktub."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

19 Permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissarju Ġenerali tat-23 ta' Frar 2007, XXX ingħata l-istatus ta' refuġjat.

20 Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Diċembru 2010, il-Cour d'assises de Bruxelles (il-Qorti tal-Assiżi ta' Brussell, il-Belġju) ikkundannat lil XXX għal piena ta' 25 sena priġunerija. Skont l-indikazzjonijiet li jinsabu fl-osservazzjonijiet tal-Gvern Belġjan, din il-kundanna kienet relatata, b'mod partikolari, mat-twettiq, flimkien, ta' serq bi vjolenza ta' diversi oġġetti mobbli u ta' omiċidju volontarju sabiex jiġi ffaċilitat dan is-serq jew sabiex tiġi żgurata l-impunità tiegħu.

21 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissarju Ġenerali rtiralu l-istatus ta' refuġjat.

22 XXX ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju).

23 Permezz ta' sentenza tas-26 ta' Awwissu 2019, dik il-qorti ċaħdet dan ir-rikors. Hija qieset li l-perikolu li jirrappreżenta XXX għas-soċjetà jirriżulta mill-kundanna tiegħu għal reat partikolarment serju. F'dan il-kuntest, ma kienx il-Kummissarju Ġenerali li kellu jipprova li XXX jikkostitwixxi perikolu reali, attwali u suffiċjentement gravi għas-soċjetà. Għall-kuntrarju, dan tal-aħħar kellu jistabbilixxi li, minkejja l-kundanna tiegħu għal ksur partikolarment serju, huwa ma għadux jikkostitwixxi perikolu għas-soċjetà.

24 Fis-26 ta' Settembru 2019, XXX ippreżenta appell ta' kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), li huwa l-qorti tar-rinviju.

25 Insostenn tal-appell tiegħu, huwa jsostni, essenzjalment, li huwa l-Kummissarju Ġenerali li għandu jipprova l-eżistenza ta' perikolu reali, attwali u suffiċjentement gravi għas-soċjetà u li huwa neċessarju li jsir stħarriġ tal-proporzjonalità sabiex jiġi ddeterminat jekk il-perikolu kkostitwit minnu jiġġustifikax l-irtirar tal-istatus tiegħu ta' refuġjat.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva [2011/95] għandu jiġi interpretat bħala li jipprevedi li t-theddida għas-soċjetà hija stabbilita minħabba s-sempliċi fatt li l-benefiċjarju tal-istatus ta' refuġjat ġie kkundannat permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi jew għandu jiġi interpretat bħala li jipprevedi li s-sempliċi kundanna permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà?

2) Jekk is-sempliċi kundanna permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà, l-Artikolu 14(4)(b) tad-[Direttiva 2011/95] għandu jiġi interpretat bħala li jeżiġi li l-Istat Membru juri li sa mill-kundanna tiegħu, ir-rikorrent ikompli jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà? L-Istat Membru għandu jistabbilixxi li din it-theddida hija reali u attwali jew l-eżistenza ta' theddida potenzjali hija suffiċjenti? L-Artikolu 14(4)(b) [tagħha], meħud waħdu jew flimkien mal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti r-revoka tal-istatus ta' refuġjat biss jekk din ir-revoka hija proporzjonata u t-theddida li jirrappreżenta l-benefiċjarju ta' dan l-istatus hija suffiċjentement gravi sabiex tiġġustifika din ir-revoka?

3) Jekk l-Istat Membru ma għandux juri li sa mill-kundanna tiegħu, ir-rikorrent ikompli jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà u li din it-theddida hija reali, attwali u suffiċjentement gravi sabiex tiġġustifika r-revoka tal-istatus ta' refuġjat, l-Artikolu 14(4)(b) tad-[Direttiva 2011/95] għandu jiġi interpretat bħala li jimplika li t-theddida għas-soċjetà hija stabbilita, bħala prinċipju, mill-fatt li l-benefiċjarju tal-istatus ta' refuġjat ġie kkundannat permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment gravi iżda li huwa jista' juri li ma jikkostitwixxix jew ma jikkostitwixxix iktar tali theddida?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

27 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment jekk l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz tista' titqies li hija stabbilita minħabba s-sempliċi fatt li dan ikun ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju.

28 L-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jirrevokaw l-istatus mogħti lil refuġjat meta, wara li jkun ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju, ikun jikkostitwixxi perikolu għas-soċjetà tal-Istat Membru li jkun jinsab fih.

29 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni t-termini tagħha, il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, Centre public d'action sociale de Liège (Irtirar jew sospensjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn), C-825/21, EU:C:2022:810, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Fir-rigward, qabelxejn, tal-formulazzjoni tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, għandu jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni ssemmi żewġ elementi distinti relatati mal-eżistenza, minn naħa, ta' kundanna fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju u, min-naħa l-oħra, ta' theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li jkun jinsab fih iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz.

31 Għalkemm ir-relazzjoni preċiża bejn dawn iż-żewġ elementi ma hijiex espliċitament speċifikata, dawn jinsabu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, u dan minkejja li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea seta' jirreferi esklużivament għall-eżistenza ta' tali kundanna, kieku xtaq jippermetti li din tkun suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-adozzjoni ta' miżura msemmija f'din id-dispożizzjoni.

32 F'dak li jirrigwarda, sussegwentement, il-kuntest tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, għandu, fl-ewwel lok, jiġi enfasizzat li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi deroga mir-regola, stabbilita fl-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, li tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jagħtu l-istatus ta' refuġjat lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jitqies bħala refuġjat. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Ahmed, C-369/17, EU:C:2018:713, punt 52).

33 Fit-tieni lok, l-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jsemmi, fl-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, l-eżistenza kemm ta' kundanna kriminali kif ukoll ta' theddida għas-soċjetà, pjuttost milli jirreferi biss għall-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, ma tistax tiġi injorata, peress li huwa għażel, fl-Artikolu 12(2)(b) ta' din id-direttiva, formulazzjoni differenti, billi ppreveda espressament li ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi eskluż mill-istatus ta' refuġjat meta huwa jkun wettaq delitt serju mhux politiku barra mill-pajjiż ta' refuġju qabel ma jiġi ammess bħala refuġjat, mingħajr ma jeżiġi li dan jirrappreżenta theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li fih jinsab.

34 F'dan ir-rigward, id-differenza fil-formulazzjoni bejn l-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 2011/95 u l-Artikolu 14(4)(b) ta' din tirrifletti, essenzjalment, id-distinzjoni li teżisti bejn it-Taqsima F tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Genève u l-Artikolu 33(2) ta' din il-konvenzjoni, li tikkostitwixxi l-pedament tal-qafas ġuridiku internazzjonali għall-protezzjoni tar-refuġjati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 81 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

35 Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li l-każijiet previsti fl-Artikolu 14(4) ta' din id-direttiva, li fihom l-Istati Membri jistgħu jirrevokaw jew jirrifjutaw li jagħtu l-istatus ta' refuġjat, jikkorrispondu, essenzjalment, għal dawk li fihom dawn tal-aħħar jistgħu jissuġġettaw refuġjat għal refoulement skont l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 93).

36 Issa, l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève huwa ġeneralment interpretat, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, bħala li jeżiġi li jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi dwar l-eżistenza ta' kundanna definittiva għal delitt jew delitt partikolarment serju u ta' theddida għall-komunità tal-pajjiż li tkun tinsab fih il-persuna kkonċernata.

37 Fit-tielet lok, għandu jiġi enfasizzat ukoll li, fir-rigward tal-għoti tal-protezzjoni sussidjarja, li tista' toffri protezzjoni iktar limitata mill-istatus ta' refuġjat, l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2011/95 jirreferi, fil-punt (b) tiegħu għat-twettiq ta' delitt serju u, fil-punt (d) tiegħu, għall-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà, peress li dawn l-elementi huma espressament ippreżentati bħala kundizzjonijiet alternattivi li kull waħda minnhom timplika, waħedha, l-esklużjoni mill-benefiċċju tal-protezzjoni sussidjarja.

38 Fir-raba' lok, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li juża l-istess termini fl-Artikolu 14(4)(b) u fl-Artikolu 21(2)(b) tad-Direttiva 2011/95, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod koerenti.

39 Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 21(2)(b) ta' din id-direttiva jirriżulta li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija suġġetta għall-issodisfar ta' żewġ kundizzjonijiet distinti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, T., C-373/13, EU:C:2015:413, punt 72).

40 Fil-ħames lok, ma jistax jitqies, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Belġjan, li interpretazzjoni tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 bħala li teżiġi li jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet distinti ċċaħħdu mill-effett utli tiegħu, minħabba li l-Artikolu 14(4)(a) ta' din id-direttiva diġà jippermetti li jiġi rtirat l-istatus ta' refuġjat lil ċittadin ta' pajjiż terz li jikkostitwixxi perikolu, anki meta dan ma jkunx ġie kkundannat b'mod definittiv għal delitt partikolarment serju.

41 Fil-fatt, minn paragun ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jirriżulta li l-Artikolu 14(4)(a) tal-imsemmija direttiva jirreferi għal theddida għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih jinsab iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, filwaqt li l-Artikolu 14(4)(b) tagħha jirrigwarda theddida għas-soċjetà ta' dan l-Istat Membru. Għaldaqstant, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jirrigwardaw żewġ tipi differenti ta' theddida.

42 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li l-għan prinċipali tad-Direttiva 2011/95, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 ta' din id-direttiva u mill-premessa 12 tagħha, jiġifieri li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u li jiġi żgurat livell minimu ta' benefiċċji għal dawn il-persuni fl-Istati Membri kollha, jitlob ukoll interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 14(4)(b) tal-imsemmija direttiva.

43 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li l-applikazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni hija suġġetta għall-issodisfar ta' żewġ kundizzjonijiet distinti intiżi, minn naħa, li ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ikun ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju u, min-naħa l-oħra, li jkun ġie stabbilit li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih.

44 Għaldaqstant, ma jistax jitqies, mingħajr ma tiġi injorata l-għażla hekk magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni, li l-fatt li waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet hija ssodisfatta huwa biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li t-tieni waħda tkun issodisfatta wkoll.

45 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ma tistax titqies li hija stabbilita minħabba s-sempliċi fatt li dan ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju.

### *Fuq it-tieni u t-tielet domanda*

46 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija suġġetta għall-fatt li jiġi stabbilit, mill-awtorità kompetenti, li t-theddida rrappreżentata miċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih hija ta' natura reali, attwali u serja u li r-revoka tal-istatus ta' refuġjat tikkostitwixxi miżura proporzjonata għal din it-theddida.

47 Kif ġie kkonstatat fil-punt 43 ta' din is-sentenza, l-istatus ta' refuġjat jista' jiġi rrevokat biss, skont l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, meta jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet, fejn it-tieni kundizzjoni hija intiża sabiex jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li huwa jinsab fih.

48 Sabiex tiġi stabbilita, fl-ewwel lok, il-portata tal-kunċett ta' "theddida għas-soċjetà", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ċittadin tal-Unjoni li jkun eżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu u ċerti membri tal-familja tiegħu jistgħu jitqiesu bħala li jirrappreżentaw theddida għall-ordni pubbliku unikament jekk l-aġir individwali tagħhom jirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, G. S. u V. G. (Theddida għall-ordni pubbliku), C-381/18 u C-382/18, EU:C:2019:1072, punt 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 Peress li l-qorti tar-rinviju tipprevedi li l-kunċett ta' "theddida għas-soċjetà", fis-sens tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, jista' jiġi ddefinit abbażi tal-istandard stabbilit minn din il-ġurisprudenza, għandu jiġi enfasizzat li ma jistax jitqies, b'mod ġenerali, li kull riferiment għal theddida għall-ordni pubbliku jew għas-soċjetà għandu jinftiehem bħala li jirreferi b'mod esklużiv għal aġir individwali li jirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, G. S. u V. G. (Theddida għall-ordni pubbliku), C-381/18 u C-382/18, EU:C:2019:1072, punt 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

50 Għalhekk jidher neċessarju, sabiex tiġi ppreċiżata l-portata tal-kunċett ta' "raġunijiet ta' ordni pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-termini ta' din id-dispożizzjoni, il-kuntest tagħha u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, G. S. u V. G. (Theddida għall-ordni pubbliku), C-381/18 u C-382/18, EU:C:2019:1072, punt 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2011/95, għandu jiġi osservat li, b'differenza, b'mod partikolari, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38, dan ma jeżiġix espressament li l-aġir taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz jirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà, sabiex dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà.

52 Madankollu, minn naħa, mill-kliem stess tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 jirriżulta li din id-dispożizzjoni hija applikabbli biss meta ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz "jikkostitwixxi" theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih, fatt li jindika li din it-theddida għandha tkun reali u attwali.

53 Min-naħa l-oħra, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 86 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rekwiżit espliċitu li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz "jikkostitwixxi" tali theddida jkun fil-parti l-kbira mingħajr effett jekk theddida potenzjali għas-soċjetà ta' dan l-Istat Membru kellha titqies li hija suffiċjenti sabiex tippermetti l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 14(4)(b). Fil-fatt, l-eżistenza ta' kundanna finali għal delitt partikolarment serju, li hija wkoll meħtieġa mill-imsemmi Artikolu 14(4)(b), normalment tkun ta' natura, waħedha, li tistabbilixxi, tal-inqas, l-eżistenza ta' tali theddida potenzjali.

54 Sussegwentement, fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2011/95, għandu ċertament jiġi rrilevat li l-Artikolu 23(4) kif ukoll l-Artikoli 24 u 25 ta' din id-direttiva jirreferu direttament, kuntrarjament għall-Artikolu 14(4)(b) tagħha, għall-kunċett ta' "ordni pubbliku", li tirreferi għalih il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 48 ta' din is-sentenza.

55 Minn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fir-rigward b'mod partikolari ta' din il-formulazzjoni, li l-Artikolu 24(1) tal-imsemmija direttiva jista' jippermetti r-rifjut li jinħareġ permess ta' residenza għal raġunijiet imperattivi ta' ordni pubbliku biss meta ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz jikkostitwixxi theddida reali, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, T., C-373/13, EU:C:2015:413, punti 77 sa 79).

56 Madankollu, ma jistax jitqies li l-użu tal-espressjoni "theddida għas-soċjetà" iktar milli riferiment għall-"ordni pubbliku" jindika għażla li jiġi ddedikat standard sostanzjalment differenti minn dak użat fil-ġurisprudenza msemmija fil-punt 48 ta' din is-sentenza, peress li t-termini użati kemm fl-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2011/95 kif ukoll fl-Artikolu 21(2) ta' din jirriflettu, kif ġie rrilevat fil-punt 34 ta' din is-sentenza, dawk li jintużaw fl-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève.

57 Għall-kuntrarju, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-applikazzjoni tal-Artikolu 21(2) ta' din id-direttiva, li għandu, kif jirriżulta mill-punt 38 ta' din is-sentenza, jiġi interpretat b'mod koerenti mal-Artikolu 14(4) tagħha, hija suġġetta għal kundizzjonijiet rigorużi iktar eżiġenti minn dawk li jippermettu l-applikazzjoni tal-Artikolu 24(1) tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, T., C-373/13, EU:C:2015:413, punti 72, 74 u 75).

58 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fl-istruttura ġenerali tad-Direttiva 2011/95, id-delitti serji mwettqa minn ċittadin ta' pajjiż terz qabel ma jiġi ammess bħala refuġjat jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-klawżola ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 12(2)(b)

ta' din id-direttiva, filwaqt li l-Artikolu 14(4) u l-Artikolu 21(2) tagħha jippermettu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-perikolu attwali li jirrappreżenta ċittadin ta' pajjiż terz (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, B u D, C-57/09 u C-101/09, EU:C:2010:661, punt 101).

59 Fl-aħħar nett, kif jirriżulta mill-punt 42 ta' din is-sentenza, l-għan prinċipali tad-Direttiva 2011/95 jimplika li l-Artikolu 14(4)(b) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat b'mod strett.

60 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li miżura msemmija fl-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 tista' tiġi adottata biss meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jikkostitwixxi theddida reali, attwali u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih.

61 Fir-rigward, fit-tieni lok, tar-rwoli rispettivi tal-awtorità kompetenti u taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali theddida, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li hija l-awtorità kompetenti fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li għandha twettaq, għal kull każ individwali, evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha ta' dan il-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2018, Ahmed, C-369/17, EU:C:2018:713, punti 48 u 50, kif ukoll tat-22 ta' Settembru 2022, Országos Idegenrendészeti Fġigazgatóság *et*, C-159/21, EU:C:2022:708, punti 72 u 92).

62 F'dan il-kuntest, u peress li, b'mod partikolari, l-Artikolu 45(3) tad-Direttiva 2013/32 jipprevedi li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti intiża li tirtira l-protezzjoni internazzjonali għandha tindika l-argumenti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha u għandha twettaq, fid-dawl ta' din l-informazzjoni, l-evalwazzjoni tagħha stess taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, bl-għan li tiddetermina s-sens tad-deċiżjoni tagħha kif ukoll li timmotivaha b'mod komplet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, Országos Idegenrendészeti Fġigazgatóság *et*, C-159/21, EU:C:2022:708, punt 80).

63 Fost iċ-ċirkustanzi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà, jekk, b'mod ġenerali, il-konstatazzjoni ta' theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà timplikax, fir-rigward tal-individwu kkonċernat, tendenza li fil-futur ikompli l-aġir li jikkostitwixxi tali theddida, jista' jiġri wkoll li s-sempliċi fatt tal-aġir fil-passat jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' theddida simili (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2018, K. u H. F. (Dritt ta' residenza u allegazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra), C-331/16 u C-366/16, EU:C:2018:296, punt 56). Il-fatt li ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ikun ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju għandu importanza partikolari, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni rrefera speċifikament għall-eżistenza ta' tali kundanna u peress li din tista', skont iċ-ċirkustanzi madwar it-twettiq ta' dan id-delitt, tikkontribwixxi sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' theddida reali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru kkonċernat.

64 Madankollu, fir-rigward b'mod partikolari tan-natura attwali ta' tali theddida kemm mir-risposta għall-ewwel domanda kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ma jistax jiġi dedott b'mod awtomatiku mill-preċedenti kriminali taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz li dan jista' jkun is-suġġett tal-miżura msemmija fl-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, CS, C-304/14, EU:C:2016:674, punt 41). Għaldaqstant, iktar ma tittieħed deċiżjoni skont din id-dispożizzjoni fi żmien imbiegħed mill-kundanna definittiva għal delitt partikolarment serju, iktar hija l-awtorità kompetenti li

għandha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-iżviluppi li seħħew wara t-twettiq ta' tali delitt, sabiex jiġi ddeterminat jekk teżistix theddida reali u suffiċjentement serja fil-ġurnata li fiha hija għandha tiddeċiedi dwar l-eventwali revoka tal-istatus ta' refuġjat.

65 F'din il-perspettiva, peress li l-Artikolu 45(1)(b) tad-Direttiva 2013/32 jipprevedi biss li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li għalih l-awtorità kompetenti għandha l-intenzjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali għandu jkollu l-"possibbiltà" li jippreżenta r-raġunijiet li għalihom ma hemmx lok li din il-protezzjoni tiġi rtirata, ma jistax jitqies li, fl-assenza ta' informazzjoni mogħtija minn dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar ir-raġunijiet li għalihom huwa ma għadux jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà, l-awtorità kompetenti tista' tippreżumi li mill-eżistenza ta' kundanna tal-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju jirriżulta li l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz jikkostitwixxi theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru li fih jinsab.

66 Fit-tielet lok, għandu jiġi rrilevat li, f'sitwazzjoni fejn l-Istat Membru kkonċernat stabbilixxa li ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 huma ssodisfatti, dan l-Istat Membru għandu l-possibbiltà li jadotta l-miżura prevista f'din id-dispożizzjoni, mingħajr madankollu ma huwa obbligat jeżerċita din il-possibbiltà (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2015, T. (C-373/13, EU:C:2015:413, punt 72, kif ukoll tat-22 ta' Settembru 2022, Országos Idegenrendészeti Fġigazgatóság *et*, C-159/21, EU:C:2022:708, punt 81).

67 L-imsemmija possibbiltà għandha tiġi eżerċitata b'osservanza, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li jimplika bbilanċjar, minn naħa, tat-theddida li jikkostitwixxi ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih u, min-naħa l-oħra, tad-drittijiet li għandhom jiġu ggarantiti, konformement ma' din id-direttiva, lill-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali tal-Artikolu 2(d) tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Mejju 2018, K. u H. F. (Dritt ta' residenza u allegazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra), C-331/16 u C-366/16, EU:C:2018:296, punt 62; tat-12 ta' Diċembru 2019, G. S. u V. G. (Theddida għall-ordni pubbliku), C-381/18 u C-382/18, EU:C:2019:1072, punt 64, kif ukoll tad-9 ta' Frar 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid *et* (Irtirar tad-dritt ta' residenza ta' ħaddiem Tork), C-402/21, EU:C:2023:77, punt 72].

68 Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha wkoll tieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tivverifika l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri oħra li jippreġudikaw inqas id-drittijiet iggarantiti lir-refuġjati u lid-drittijiet fundamentali li jkunu daqstant effikaċi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-soċjetà tal-Istat Membru li fih jinsab iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2018, K. u H. F. (Dritt ta' residenza u allegazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra), C-331/16 u C-366/16, EU:C:2018:296, punti 63 u 64).

69 Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-każ ta' revoka tal-istatus ta' refuġjat, iċ-ċittadini kkonċernati ta' pajjiżi terzi jiġu mċaħħda minn dan l-istatus u għalhekk ma jkollhomx iktar id-drittijiet u l-vantaġġi kollha previsti mid-Direttiva 2011/95, iżda li huma jkomplu jgawdu, konformement mal-Artikolu 14(6) ta' din id-direttiva, minn ċertu numru ta' drittijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Genève (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 99).

70 Għaldaqstant, l-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2011/95 għandu, konformement mal-Artikolu 78(1) TFUE u mal-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiġi interpretat fis-sens li l-Istat Membru li jużа l-fakultajiet previsti fl-Artikolu 14(4) ta' din id-direttiva, għandu jagħti lir-refuġjat li jaqa' taħt wieħed mill-każijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar u li jinsab fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, mill-inqas, il-benefiċċju tad-drittijiet stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Genève li għalihom dan l-Artikolu 14(6) jagħmel riferiment espliċitu kif ukoll drittijiet previsti mill-imsemmija konvenzjoni li t-tgawdija tagħhom ma tirrikjedix residenza regolari, u dan bla ħsara għal riżervi eventwali magħmula mill-imsemmi Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 107).

71 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija suġġetta għall-fatt li jiġi stabbilit, mill-awtorità kompetenti, li t-theddida rrappreżentata miċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz għal interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih hija ta' natura reali, attwali u suffiċjentement serja u li r-revoka tal-istatus ta' refuġjat tikkostitwixxi miżura proporzjonata għal din it-theddida.

**Fuq l-ispejjeż**

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija,**

   **għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

   **l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ma tistax titqies li hija stabbilita minħabba s-sempliċi fatt li dan ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju.**

2) **L-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95**

   **għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

   **l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija suġġetta għall-fatt li jiġi stabbilit, mill-awtorità kompetenti, li t-theddida rrappreżentata miċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz għal interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih hija ta' natura reali, attwali u suffiċjentement serja u li r-revoka tal-istatus ta' refuġjat tikkostitwixxi miżura proporzjonata għal din it-theddida.**

Firem